**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 143/17 AL

AB
VS
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg hawn immarkat Dok. A.

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-1 ta' Settembru 2015, hawn anness Dok. B, meta sar l-istess kuntratt tal-kontendenti kienu diga` ilhom iktar minn erbgha (4) snin mifrudin "de facto", u fil-fatt l-

intimata kienet ghadha tghix Ruma, kif hemm indikat fl-Artikolu 1 tal-istess kuntratt.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

Illi ma jezistu ebda pendenzi bejn il-kontendenti li rrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jircievu l-manteniment minghand xulxin.

Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap sittax (16) huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi ilhom separati ghal dawn l-ahhar sitt snin jew aktar, mhux mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16), l-intimata tghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex previa s-smigh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C, Kapitolu 16, ukoll sabiex jigi stabilit illi jezistu dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C tal-Kodici Civili (Kap 16).

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' April 2017;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' Settembru 2015 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.